# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tas-6 laqgħa tad-9 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tnejn 07 ta' Ottubru 2024 fis-5:45 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Jonathan Dingli | Viċi Sindku |
| Emanuel k.a. Noel Galea | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Patrick Ghigo | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**06.01 Talba**

06.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**06.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

06.02.01 Is-Segretarju Eżekuttiv (S.E.) infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**06.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħat numru 04 u 05**

06.03.01 Il-Minuti tal-laqgħat numru 04 u 05 ġew approvati unanimament. Il-Viċi Sindku ppropona u l-Kunsillier Ghigo ssekonda.

**06.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

06.04.01 Is-Sindku tkellmet dwar l-*MoU* mal-*Cleansing & Maintenance Division (CMD)* fejn iddiskutitu mal-Viċi Sindku peress li għandu d-dekasteru tal-indafa. L-*MoU* jittratta t-tindif u ż-żamma tat-toroq urbani fl-Imqabba permezz ta' 2 ħaddiema assenjati u *sweeper*. Jidher li hemm xi klawżoli fl-*MoU* li se tiddiskutihom mad-Direttru tal-*CMD*, u anke ser tieħu parir legali dwarhom mingħand l-avukat tal-Kunsill, qabel ma jiġi ffirmat l-istess *MoU*. Il-ħaddiema assenjati bdew ix-xogħol bi prova fil-jiem li għaddew. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

06.04.02 Is-Sindku semmiet li qed naħdmu wkoll fuq il-pjan ta' tindif intensiv fi Triq tal-Isqof u anke fi Triq Valletta l-Qadima (fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku) fejn għal dan it-tindif se nibbenefikaw EUR 3,000 mir-Reġjun Punent. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

06.04.03 Dwar l-Isptar il-Qadim, is-Sindku infurmat li ltaqat mal-Kuntrattur *AXD Ltd* fejn ġie ċċarat li m'hemmx problemi bil-*performance guarantee* li huwa pprovda. Ġie vverifikat li *AXD Ltd* għamel diversi xogħolijiet ta' restawr fosthom anke ma' *Heritage Malta*. Se nkunu qed nistennew il-pjan ta' ħidma min-naħa tiegħu u se jiġi ffirmat il-kuntratt bejnu u bejn il-Kunsill bħala t-tieni l-irħas offerent li bbidja, biex eventwalment jibda' x-xogħol ta' restawr fuq l-Isptar il-Qadim. Il-Kunsillier ħadu nota ta' dan.

06.04.04 Is-Sindku infurmat li minkejja li ppubblikajna darbtejn fil-Gazzetta tal-Gven, it-talba għal stima biex isir Rapport Tekniku dwar Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, sfortunatament ħadd ma bbiddja. Hija tal-parir li nitkellmu mal-Ministeru sabiex niddiskutu l-possibiltà li r-rapport isir b'*direct order* minn kumpanija partikolari li hi taf li tagħmel dawn it-tip ta' rapporti, wara li tipprovdilna l-istima min-naħa tagħha. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

06.04.05 Rigward it-*tenders* tal-Ġonna Pubbliċi u dik tat-Tabelli u Sinjali, is-Sindku infurmat li għalaq iż-żmien tal-appell, fejn ħadd ma appella u għaldaqstant se jkunu qed jiġu notifikati l-kuntratturi li rebħu t-*tenders* rispettivament. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

06.04.06 Is-Sinkdu infurmat li se jiġi ffirmat *MoU* ieħor wara li kellha diskussjonijiet mas-Segretarju Parlamentari Omar Farrugia dwar il-possibiltà li bħala Dipartiment għax-Xogħolijiet Pubbliċi jgħinna nwettqu proġett li hu parti mill-manifest elettorali. Il-ħsieb ta' dan il-proġett hu li titwaqqa' l-latrina pubblika u minflok tinbena binja fejn parti mill-binja xorta tkun latrina, filwaqt li fil-kumplament ikun hemm funzjonijiet oħra. L-Onor Farrugia appoġġja dan il-proġett u t-talba intlaqgħet. Għaldaqstant se jkun qed jiġi ffirmat dan l-*MoU* fejn imbgħad jiskattaw diskussjonijiet mal-Gvern Ċentrali dwar l-introduzzjoni ta' servizzi addizzjonali f'din il-binja. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

06.04.07 Is-Sindku kkummentat dwar il-*posts* li qed jittellgħu fuq FB minn membri tal-Kunsill. Hija saħqet fuq l-importanza biex kulħadd iżomm mar-responsabiltajiet assenjati lilu u fuq *FB* tittella' biss informazzjoni li tkun ġiet diskussa fuq livell ta' Kunsill. Hija tat eżempju dwar post li ttella' mill-Kunsillier Galea rigward il-*vouchers* tal-*cat feeders* fejn seta' żgwida lill-istess *cat feeders* apparti l-*chaos* li nħoloq fl-uffiċċju tal-Kunsill. Hawnhekk issemmiet ukoll *email* fejn Socjetà talbet permess u l-istess Galea ddeċieda li jitkellem fuqha mas-Segretarju tal-istess Soċjetà mingħajr konsultazzjoni mal-Kunsill – *"Tkellimt ma s Segretarju u infurmajtu li nixtieq li niddiskutuha anke maghhom wara l laqgha taghna."* Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

06.04.08 Is-Sindku infurmat li f'Novembru se tkun qed torganizza l-*Buffet Breakfast* li jsir ta' kull sena. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

06.04.09 Rigward l-attività kulturali "*Stilel Taħt il-Kampnar*", is-Sindku infurmat li l-*banners* twaħħlu anke barra mir-raħal, filwaqt li l-*flyers* u l-*posters* lesti u pprintjati biex jiġu ċċirkulati. Ir-reklamar fuq ir-*radio* se jibda wkoll, fejn is-Sindku se tkun mistiedna fi tlett programmi, fuq in-*NET*, fuq *ONE* u fuq *TVM*. Hija infurmat ukoll li saret laqgħa ma' rappreżentanti tal-każini tal-festa tar-raħal fejn kien hemm qbil li ż-żewġ każini ikollhom *bar* armat għad-*drinks*, filwaqt li l-ikel jiġi ppreparat fil-każini rispettivi tagħhom u jinħareġ biex jinbiegħ mill-*bar a fini* ta' sanità u spażju. Il-każini se jkunu jistgħu jarmaw l-imwejjed u s-siġġijiet quddiem il-każini rispettivi tagħhom waqt l-attività. Rigward dwal, *projections* u *set up* qed jaħdem fuqhom id-Direttur Artistiku Luke. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

**06.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

06.05.01 Il-Viċi Sindku staqsa kif il-Kunsillier Galea iddiskuta, minn wara dahar il-bqija tal-membri tal-Kunsill, mas-Segretarju tas-Soċjetà Santa Marija dwar permess għal attività li kienet ser torganizza s-soċjetà. Semma wkoll il-fatt li l-Kunsillier Galea ħareġ anke mill-*group chat* li hija *chat* li dejjem ħadmet tajjeb fil-leġiżlatura preċedenti. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

06.05.02 Il-Kunsillier Galea irrisponda lill-Viċi Sindku rigward il-permess tal-attività mis-Soċjetà Santa Marija fejn hu qara l-*email* li ċċirkola lill-Kunsillieri u enfasizza li fl-ebda ħin ma qabeż lill-Kunsill, iżda li ried li jiddiskuti u li b'daqshekk ma jfissirx li hu kontra l-attività. Dan il-każ ġie diskuzz fit-tul mill-membri kollha tal-Kunsill.

06.05.03 Il-Kunsillier Galea staqsa biex jara l-*MoU* tal-*CMD* fejn is-Sindku qaltlu li se jkun qed jiġi ċċirkolat id-draft la jiġi emendat. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

06.05.04 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar it-*timeframe* tal-proġett tar-restawr tal-Isptar il-Qadim, fejn is-Sindku qaltlu li x-xogħol irid jitlesta fi żmien 6 xhur u li se nikkonfermaw dan mill-kuntratt. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

06.05.05 Il-Kunsillier Galea staqsa jekk it-talba għall-istima għar-rapport tekniku dwar il-*bypass* għadix miftuħa. Is-Sindku reġgħet spjegat li t-talba ġiet ippubblikata darbtejn u minkejja li kien hemm kumpanija interessata, din xorta ma bbidjatx. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

06.05.06 Il-Kunsillier Galea talab iktar informazzjoni dwar il-latrina pubblika. Is-Sindku spjegat li se jiġi ffirmat *MoU* mal-Gvern u x-xogħol se jitwettaq mid-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi, fejn se titwaqqa' kompletament il-latrina u jitla' bini ġdid. Il-binja mbagħad titqassam skond is-servizzi li se jingħataw. Is-Sindku fakkret li fuq il-latrina l-Kunsill qed iħallas għad-devoluzzjoni u għaldaqstant proġett bħal dan ikun jixraq tassew. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

06.05.07 Il-Kunsillier Galea rrefera għal xi *emails* li bgħat dwar talbiet għal tabelli fosthom tal-qtates. Is-Sindku infurmatu li tabelli u sinjali jiġu diskussi waqt laqgħa tal-Kunsill u jgħaddu għall-approvazzjoni ta' TM. Rigward it-tabelli ta' qtates u qniefed kien hemm qbil fil-passat biex ma nżidux iktar minnhom fir-raħal għax ħadd ma jagħti kashom apparti li x-xufiera għandhom ikun responsabbli biżżejjed u ma jsuqux b'mod eċċessiv fit-toroq fir-raħal. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

06.05.08 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar il-possibiltà li ssir tabella biex jipparkjaw bl-*exhaust pipe* 'l barra f'*parking bay* milli saru riċentement fi Triq it-Torri Viċenti. Fuq din kien hemm diskussjoni sħiħa jekk għandhix issir u fejn għaliex anke l-persuna li qed titlob din it-tabella qed tipparkja l-van tagħha bl-*exhaust pipe* lejn il-faċċata tad-dar. Fl-aħħar kien hemm qbil li tiġi ordnata din it-tabella u tiġi nstallata ma' dik li ser teħel quddiem il-*MC Parking Bay* fl-istess żona.

06.05.09 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar id-dawl tat-triq ġdid li kien hemm qbil li jsir fi Sqaq l-Isptar kantuniera mas-*Service Road* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Is-S.E. infurmatu li l-ordni għaddiet għand il-kuntrattur, u ladarba tiġi nstallata jkun imissi li tintbgħat l-*STL* sabiex tiġi mqabbda l-lampa mill-Enemalta. Il-Kunsillier Galea staqsa wkoll dwar dawl tat-triq ieħor bil-ħsara fi Triq San Mikiel li ilu rrappurtat madwar tliet ġimgħat. Is-SE infurmatu li l-kuntrattur qed jistenna xi *parts* jaslu minn barra minn Malta. Il-Kunsillier Galea staqsa wkoll dwar il-possibiltà li nżidu r-*reminders* dwar il-ħsarat tad-dawl tat-triq tal-Enemalta, fejn is-Sindku infurmatu li l-Enemalta għandha 27 ġurnata ċans sabiex issewwi lampa apparti li *reminders* jintbagħtu ta' spiss u l-Kunsillieri jkunu kollha kkupjati. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

06.05.10 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar it-talbiet għal stima biex id-dawl tat-triq ta' Triq San Mikiel jinbidel u jiġi dawl dekorattiv bħal tal-Pjazza, u biex id-dawl tal-Pjazza tiżdiedlu l-qawwa

tiegħu sabiex tiddawwal iktar il-Pjazza. Is-S.E. qaltlu li se tiċċekkja dwarhom sabiex tagħtih rispons. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

06.05.11 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar hemmx spazju biżżejjed fil-binja li se tinbena minflok il-latrina pubblika. Is-Sindku spjegat li l-binja se tkun spazju miftuħ u mbgħad titqassam skond pjanti mill-periti fejn il-ħsieb hu li berġa u latrina jiġu *ground level*, filwaqt li d-*Day Care /Civic Centre* ikunu fis-sular ta' fuq u jkun hemm ukoll il-*lift*. Is-Sindku kompliet li l-importanti hu li jkollna l-binja għaliex imbgħad wieħed ikun jista' jopera dak li jixtieq fiha. Rigward il-possibilità li kienet diskussa anke fil-passat li fuq il-latrina jsir uffiċċju tal-Kunsill Lokali waqgħet għar-raġuni li hemm qbil li l-uffiċċju tal-Kunsill jibda jopera mill-Isptar il-Qadim ladarba jiġi restawrat, fejn ix-xogħol ta' restawr se jibda imenentement. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

**06.06 Jum L-Imqabba 2024**

06.06.01 Is-Sindku fakkret li Jum l-Imqabba 2024 ġie pospost b'ġimgħa kif diskuss fil-laqgħa b'urġenza li għaddiet.

06.06.02 Is-Sindku tkellmet dwar il-programm ta' Jum l-Imqabba, fejn nhar il-Ħamis 24 ta' Ottubru 2024 fis-7.15pm se ssir is-Serata Storika b'kollaborazzjoni mal-Parroċċa tal-Imqabba. Hemm kollox ippjanat fejn Rev. Dr. Jonathan ser jitkellem dwar l-istorja tal-Madonna tar-Rużarju, filwaqt li r-Restawratriċi Dame Amy Sciberras ser titkellem dwar ir-restawr tal-istatwa. Il-Kappillan avviċina wkoll lis-Sopran Mardy Farrugia sabiex tintrepeta xi siltiet bejn diskors u ieħor. Is-serata tagħlaq billi noffru ftit kafè jew tè u ftit gallettini lil dawk kollha preżenti. Ser inkunu qed naħdmu wkoll fuq l-inviti għal din is-serata.

06.06.03 Dwar il-Ġimgħa 25 ta' Ottubru 2024, is-Sindku infurmat li kellha laqgħa mal-Kunsill Skolastiku u bħala attività ser ssir żjara lill-istudenti tal-Iskola Primarja, mill-Kunsill Lokali ġewwa l-iskola, fejn fl-okkażjoni ta' Jum l-Imqabba, it-tfal se jkunu mħeġġa jilbsu abjad bl-aħmar pariġġ l-emblema tal-Kunsill. Il-Kunsill ser ikun qed iqassam *muffin* bil-*logo* tal-Kunsill fuqha, lill-istudenti kollha bħala tifkira.

06.06.04 Is-Sindku infurmat ukoll li nhar is-Sibt 26 ta' Ottubru 2024, mid-9.00am 'l quddiem se jkunu qed isiru l-attivitajiet sportivi f'Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira, fejn fosthom għandna kkonfermat l-parteċipazzjoni tas-*CPD* u anke tal-preżentatur Kraylee. Kien hemm qbil li jiġi ċċekkjat mas-*CPD* jekk hux se jagħmlu *re-inactment* jew le. Il-Kunsillier Sciberras kompla jinforma dwar l-attivitajiet fejn hemm kkonfermati wkoll *wheelchair basketball* u *wheelchair handball* kif ukoll *obstacle races*, il-*bouncing castle*, u ż-żiemel għall-*horse riding*. Il-*poster* huwa lest biex jiġi ċċirkolat ukoll.

Il-Kunsillier Sciberras informa wkoll li minħabba l-postponiment ta' Jum l-Imqabba, hemm ftit problema b'waħda mill-attivitajiet sportivi – il-logħba futboll bejn il-kbar /l-anzjani – , fejn hemm il-possibiltà li din issir jew il-Ġimgħa filgħaxija jew is-Sibt wara nofsinhar wara li jispiċċaw l-attivitajiet sportivi. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

06.06.05 Is-Sindku infurmat li għas-Sibt 26 ta' Ottubru 2024 filgħaxija, kellha talba mis-SSM sabiex is-Serata Ġieħ l-Imqabba tibda fit-8.30pm flok kif skedata fis-7.30pm. Din it-talba ma setatx tintlaqa' għar-raġuni li l-programm mużikali bil-preżentazzjonijiet b'kollox jieħu madwar sagħtejn, imbgħad hemm il-ftuħ tal-wirja "Arti fis-Sema", u l-għeluq *b'reception* u allura ma stajnix nittardjaw daqshekk biex inlaħħqu kollox.

***Il-laqgħa ġiet temporanjament sospiża sabiex jiġi diskuss il-Premju Ġieħ l-Imqabba 2024.***

06.06.06 Is-Sindku infurmat li l-membri tal-Kunsill qablu mar-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' Ġieħ l-Imqabba 2024 dwar il-persuna minn fost tlieta, li timmerita tirċievi l-Unur tal-Ġieħ, filwaqt li t-tnejn l-oħra jingħataw l-Unur ta' Mertu. Din is-sena se jingħata l-Unur ta' Mertu wkoll lil żewġ Kunsillieri li servew fil-Leġislatura preċedenti – l-eks Viċi Sindku Henry Zaffarese u l-eks Kunsillier Raymond Decelis. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

06.06.07 Is-SE qrat korrispondenza dwar talba sabiex il-Koordinatur ta' Skolasajf, Jean Pierre Pirotta jingħata Ġieħ l-Imqabba. Il-Kunsillieri preżenti ddiskutew u qablu li Pirotta għandu jingħata rikonoxximent waqt is-Serata Ġieħ L-Imqabba flimkien ma' oħrajn li kien hemm qbil dwarhom fil-laqgħat preċedenti.

06.06.08 Is-Sindku kompliet li wara l-kunċert mużikali u l-preżentazzjonijiet, se jkun hemm il-ftuħ tal-Wirja 'Arti fis-Sema' li ser tkun qed tittella' b'kollaborazzjoni mar-Reġjun Punent fejn iż-żewġ kmamar tan-nar tal-Imqabba se jkunu qed jesebixxu materjal relatat man-nar tal-festi. Waqt il-wirja se jkun hemm għaddej filmat dwar ix-xogħolijiet miż-żewġ għaqdiet filwaqt li l-poster dwar din il-wirja huwa lest ukoll sabiex jiġi ċċirkulat. Il-wirja se tkun miftuħa għall-pubbliku anke l-Ħadd filgħodu u t-Tnejn sabiex jarawha l-istudenti tal-iskola. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

06.06.09 Rigward il-Ħadd 27 ta' Ottubru 2024, is-Sindku fakkret li ser nibdew b'Quddiesa ta' Ringrazzjament fit-8.30am fejn wara jkun hemm id-daqq tal-fanfarra miż-żewġ Għaqdiet Mużikali fl-Imqabba kif ukoll it-tqegħid tal-Kuruna tar-Rand mis-Sindku taħt il-monument ta' dawk li mietu fil-gwerra. Fil-Pjazza se jkun hemm wirja ta' karozzi antiki. Se jkun hemm ukoll il-Kappelli tar-raħal miftuħin kif ukoll il-Katakombi tal-Mentna. Il-membri tal-Kunsill se jkunu qed jagħmlu żjara tal-okkażjoni lill-każini tar-raħal. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

**06.07 Applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar**

06.07.01 Minn fost il-lista ta' applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar, imtella mill-*EAPPS* mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill sal-lum, li s-S.E. ippreżentat lill-Kunsillieri, is-Sindku indikat liema fosthom jinsabu fl-istadju fejn il-kunsill jista' jagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu.

Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu jibgħat rappreżentazzjoni dwar PA/04317/23 fi Triq Ġorġ Martin sabiex il-Kunsill Lokali jingħata iktar informazzjoni dettaljata dwar x'inhuma l-emendi minuri msemmija.

**06.08 Korrispondenza u Ordnijiet ta' Xogħlijiet**

06.08.01 Is-S.E. infurmat lill-Kunsillieri preżenti li waħda mill-impjegati tal-Kunsill, Marouska Zahra, għalqet ħames snin bħala skrivana fi skala numru 15 u għaldaqstant propju f'dan ix-xahar ser tipprogressa għal Skala Numru 14. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

06.08.02 Is-S.E. infurmat li hija personalment ġabret il-*cat feeders' vouchers* mill-*Animal Welfare*, fejn is-Sindku kompliet li hija flimkien mal-Kunsillier Ghigo tkellmu sabiex jaraw kemm se jkunu qed jingħataw *vouchers* lil dawn il-*feeders*. Huma qablu li għandhom jitqassmu fuq bażi *per cat* biex tkun ġusa ma kulħadd. Madanakollu, skond *email* oħra li rċevejna iktar tard, kien hemm indikat *capping* ta' EUR 150 li allura ma stajnix inqassmu l-*vouchers*

*per cat* iżda ġiet li kulħadd se jieħu indaqs. Kien hemm qbil li tittella' *post* fuq *FB* u anke nċemplu lil *feeders* reġistrati sabiex javviċnaw l-uffiċċju tal-Kunsill biex jingħataw l-imsemmija *vouchers*. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

06.08.03 Is-S.E. ppreżentat xi stimi lill-Kunsillieri rigward il-manutenzjoni tan-network system fl-uffiċċju, inkluż cables cabinet u l-organizzazzjoni tal-istess cabinet. Hija spjegat li dan l-aħħar spiss qed ikollna problemi fin-network u x-xogħol fl-uffiċċju ma jkunx jista' jsir. Il-Kunsillieri ddiskutew fit-tul dwar dan, fejn fl-aħħar kien hemm qbil li nagħtu ftit ċans sabiex is-S.E. timmoniterja kemm se tkun spissa l-ħsara u fl-eventwalità li l-ħsara ma tkunx spissa, jibqa' kollox kif inhu sabiex imbgħad ninstallaw sistema ġdida ta' *network* fl-Isptar il-Qadim, qabel ma l-Kunsill Lokali jibda jopera minnu.

06.08.04 Is-S.E. ppreżentat l-unika sitma li rċeviet rigward is-sistema tal-*istreaming* tal-laqgħat tal-Kunsill. Il-Kunsillieri iddiskutew dwar dan u kien hemm qbil li għandna nitolbu aktar informazzjoni kemm dwar din is-sistema kif ukoll dwar x'sistemi oħra jintużaw f'Kunsilli Lokali oħrajn.

06.08.05 Korrispondenza minn resident Imqabbi li joqgħod fil-viċinanzi tal-*iBins* u l-*BCRS* li hemm fi Triq Ħal Kirkop, dwar l-istorbju bit-tfiegħ tal-ħġieġ li qed ikun ta' inkonvenjent kbir għalih u għar-residenti fl-inħawi. Ir-resident speċifika li l-iBins għandhom jingħalqu bejn l-10pm u s-6am, bl-istess mod kif talab hu personalment biex tintefa' l-BCRS fl-istess sit. Il-Kunsillieri ddiskutew fit-tul dan il-każ u kien hemm qbil li ser jibqa' kollox kif inhu.

06.08.06 Korrispondenza mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija dwar talba sabiex huma b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali tal-Imqabba tittella' attività bl-isem 'Is-Sigriet Tal-Kantina' li ser tittella' fix-shelter ta' żieni t-tieni gwerrra dinjija li hemm taħt il-Każin tas-Soċjetà Santa Marija. Il-Kunsillieri preżenti ddiskutew din it-talba fejn kien hemm qbil li l-Kunsill Lokali għandu jikkollabora ma' din is-Sezzjoni bl-istess mod li kkollabora mas-Sezzjoni tas-Soċjetà l-oħra fil-Leġislatura li għaddiet.

**06.09 Ilmenti u Suġġerimenti**

06.09.01 Il-Kunsillier Galea lmenta dwar il-pal tal-bajtar li qed jostakola l-passaġġ fl-isqaq biswit iċ-Ċimiterju li jwassal għal Ħal Millieri. Is-Sindku spjegat li l-isqaq jitnaddaf regolarment permezz tal-ħaddiema tal-Kunsill. Kien hemm qbil li l-ħaddiema jaqtgħu l-pal mill-isqaq.

06.09.02 Il-Kunsillier Galea semma l-istat ta' Triq Baskal Xuereb u jekk nistgħux inkunu jekk hix fil-pjan tal-Gvern li din issir. Is-Sindku infurmat li Triq Baskal Xuereb hija waħda mit-toroq ippjanata li ssir minn Infrastruttura Malta. Is-Sindku żiedet li riċentement kienet f'kuntatt mas-CEO fejn qalet li t-triq għandha ssir dalwaqt. Kien hemm qbil li xorta għandha ssir talba/tfakkira formali lil IM biex tkun dokumentata fir-rekords tal-Kunsill.

06.09.03 Il-Kunsillier Galea tkellem dwar l-loading/unloading bay li ġiet implimentata riċentement ta' Triq il-Madonna tal-Gilju fejn biha naqas spazju ieħor tal-parkeġġ għar-residenti meta din setgħet saret anke faċċata. Is-Sindku spjegat li inqalgħet sitwazzjoni għaliex parti mill-imsemmija bay ġiet quddiem il-bieb tar-residenza biswit u hija ta' nkonvenjent għalihom. Mill-uffiċċju ġiet iggwidata sabiex tindirizza l-każ lill-bord ta' TM għaliex dawn it-tip ta' bays, minkejja li t-talba issir ħafna drabi mill-Kunsill li jkun qabel li ssir, l-approvazzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom issir minn TM. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

06.09.04 Il-Kunsillier Galea talab li biex issir laqgħa mal-*Community Police* sabiex jintroduċi ruħu magħhom. Wara diskussjoni dwar dan, is-Sindku qaltlu li l-laqgħat jiġu mitluba magħha iżda ma ssib ebda problema li l-ewwel laqgħa li tkun se ssir, tistiednu jattedni. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

06.09.05 Il-Kunsillier Galea semma l-*bus shelter* li ntlaqat fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Is-Sindku infurmatu li l-Kunsill ħa azzjoni mmedjata dwaru, fejn ġew infurmati l-Pulizija u s-*CPD* minħabba l-periklu, il-*Cleansing Department* biex inaddfu ż-żona mill-ħġieġ u lil *Faces Consultants* biex issir il-manutenzjoni fuq il-*bus shelter*. Mill-informazzjoni li għandna m'hemmx periklu għall-persuni li jużaw l-imsemmi *bus shelter*. Madanakollu kien hemm qbil li tista' ssir nota biex wieħed xorta joqgħod attent. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

06.09.06 Il-Kunsillier Sciberras ressaq ilment dwar in-nuqqas ta' aċċessibiltà tal-bankina fi Triq il-Madonna tal-Ġilju, minħabba ranep u diżlivelli. Is-Sindku infurmat li Triq il-Madonna tal-Ġilju hija waħda mit-toroq ippanati li ssir minn Infrastruttura Malta bil-bankini b'kollox. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

06.09.07 Il-Kunsillier Ghigo ilmenta skart li qed jintefa' b'mod regolari biswit residenza li mhix abitabbli bħalissa k.m Sqaq Ħal Qormi. Kien hemm qbil li terġa' ssir tabella laminated temporanjament sakemm tiġi ordnata tabella tal-pjanċa biex ma jarmux skart fil-post. Il-Kunsillier ħadu nota ta' dan.

**06.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 09/04**

06.10.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 09/04 ġiet approvata unanimament.

**06.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

06.11.01 Il-laqgħa ntemmet fid-9:30pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 04 ta' Novembru2024 fis-5:45 pm.

Konfermati illum it-Tnejn 04 ta' Novembru 2024.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| ______________________ | ______________________ |
| **Grace Marie Zerafa**<br>**Sindku** | **Valerie Galea**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |